**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 19 ta' Frar 2025**

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**(Spettur Godwin Scerri)**

**vs**

**Clive Micallef**

Il-Qorti,

1. Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Clive Micallef ta' wieħed u erbgħin (41) sena, iben Francis u Rita Micallef nee' Pace, ta' nazzjonalita' Maltija, imwieled il-Pieta nhar is-sitta (6) ta' Mejju tas-sena elf disa' mija u tmienja u tletin (1983), u residenti gewwa Flat 103, Cycas App, Triq it-Turisti, San Pawl il-Bahar u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-numru 250083M;

Akkuzat talli f'xi ħin bejn id-disgħa ta' bil-lejl (21:00) u l-ħdax ta' bil-lejl (23:00) fit-tmienja u għoxrin (28) ta' Lulju tas-sena elfejn erbgħa u għoxrin (2024), ġewwa l-ħanut Pie Master ġewwa Triq Santa Rita, Rabat u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer:

1. Ikkommetta serq ta' fliexken tax-xorb u/jew oġġetti oħra, liema serq huwa ikkwalifikat bil-mezz u bil-ħin liema serq sar għad-dannu ta' Andre' Gouder u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet oħra;
   Artikoli 261(b)(f), 264(1), 270 u 278(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta

2. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi naqas milli josserva xi waħda, u/jew iktar minn waħda, mill-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) b'digriet mogħti fl-erbgħa (04) ta' Diċembru elfejn tlieta u għoxrin (2023) mill-Maġistrat Dr Caroline Farrugia Frendo u li bih ingħata l-ħelsien mill-arrest taħt diversi kundizzjonijiet;
   Artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta

   U aktar talli:

3. Fl-istess data, lok u ċirkostanzi, kemm il-darba jinstab ħati jirrendi ruħu reċediv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan b'sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati li saru definittivi u li ma jistgħux jinbidlu;

   U aktar talli:
   Fil-ġranet ta' wara il-lejl tat-tmienja u għoxrin (28) ta' Lulju tas-sena elfejn erbgħa u għoxrin (2024), ġewwa dawn il-Gżejjer u/jew barra minn dawn il-Gżejjer;

4. Naqas milli josserva xi waħda, u/jew iktar minn waħda, mill-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) b'digriet mogħti fl-erbgħa (04) ta' Diċembru elfejn tlieta u għoxrin (2023) mill-Maġistrat Dr Caroline Farrugia Frendo u li bih ingħata l-ħelsien mill-arrest taħt diversi kundizzjonijiet;
   Artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tapplika d-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 15A u 28H et seq. tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, għar-rigward illi l-ħati jħallas id-danni ai termini tal-istess Artikoli 15A u 28H et seq, tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużat għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Rat il-kunsens tal-Avukat Generali moghti ai termini tal-Artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali sabiex dan il-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja, u semghet lill-imputat jiddikjara li m'ghandux oggezzjoni li dan il-kaz jigi hekk trattat.

3. Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

4. Rat li fis-seduta tal-20 ta' Jannar 2025 l-imputat irregistra ammissjoni limitatament ghall-ewwel u t-tielet imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu.

5. Il-Qorti wissiet lill-imputat bil-konsegwenzi serji tal-ammissjoni tieghu u li l-piena massima ghall-ewwel u t-tielet imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu hija ta' disa (9) snin prigunerija, u ssospendiet is-seduta sabiex l-imputat jikkonsulta mal-avukat difensur tieghu biex jara jekk iridx jirrevedi l-pozizzjoni tieghu.

6. Meta regghet issejhet il-kawza il-Qorti staqsiet lill-imputat jekk kellux hin bizzejjed sabiex jikkonsulta mal-avukat difensur tieghu u hu wiegeb fl-affermattiv. Mistoqsi mill-Qorti jekk jikkonfermax l-ammissjoni parzjali tieghu, l-imputat ikkonferma l-ammissjoni tieghu.

7. Semghet it-trattazzjoni orali finali tal-partijiet.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti dwar Htija**

8. Fuq ammissjoni tieghu stess, u mill-provi prodotti il-Qorti qed issib lill-imputat hati tal-ewwel u t-tielet imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tieghu – u cioe tar-reat ta' serq ikkwalfikat bil-mezz u bil-hin, u tal-addebitu tar-recidiva.

9. L-imputat ma irregistrax ammissjoni ghat-tieni u r-raba' imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu, u t-tnejn jikkoncernaw ksur tal-kundizzjonijiet tad-digriet tal-helsien mill-arrest moghti fl-4 ta' Dicembru 2023, minn din il-Qorti preseduta mill-Magistrat Dr Caroline

Farrugia Frendo. It-tieni imputazzjoni hija li kiser dan id-digriet konsegwenza tal-fatt li ikkommetta r-reat ta' serq ikkwalifikat mertu tal-ewwel imputaazjoni. Ir-raba' imputazzjoni hija li kiser dan id-digriet ghax ma kienx qed jirrapporta l-Ghassa tal-Qawra kuljum bejn is-7.00am u 7.00pm.

10. Fit-trattazzjoni orali, l-abbli difensur tal-imputat issottometta li l-Prosekuzzjoni ma ippruvatx it-tieni u r-raba' imputazzjoni sal-grad rikjest fil-kamp kriminali, ghaliex ghalkemm giet ipprezentata kopja awtentikata tad-digriet tal-helsien mill-arrest, l-Ufficjal Prosekutur fil-proceduri kriminali li fih inghata d-digriet, ma ikkonfermax bil-gurament li d-digriet kien ghadu in vigore u li ma kienx gie varjat.

11. Mill-atti jirrizulta li l-Ufficjal Prosekutur l-ispettur Godwin Scerri xehed fis-seduta tal-14 t'Awwissu 2024 li huwa kien ukoll l-Ufficjal Prosekutur fi proceduri kriminali ohra pendenti kontra l-imputat odjern, u li fihom inghata l-helsien mill-arrest. L-ispettur Godwin Scerri xehed ukoll li l-imputat kemm-il darba ma kienx jiffirma kif kien obbligat li jaghmel, u li kien difficli li jmorru fuqu u jsibuh. Imma meta l-Pulizija kienu jikkuntatjawh bit-telephone, kien imur l-ufficju tieghu u jtih mazz certifikati li jghidu li kien ma jiflahx. Fis-seduta li fiha xehed l-ispettur Scerri, id-digriet tal-helsien mill-arrest kien ghadu ma giex ezebit mill-Prosekuzzjoni.

12. Fis-seduta sussegwenti tat-28 t'Awwissu 2025 xehdet Stephania Calafato Testa, l-Assistent Registratur tal-Qrati Kriminali, li ezebit kopja awtentikata tad-digriet tal-helsien mill-arrest tal-4 ta' Dicembru 2023. Hija iddikjarat bil-gurament taghha li l-kawza ghada pendenti u li l-kundizzjonijiet ghadhom in vigore.

13. Id-difiza qed tissottometti li l-Assistent Registratur setghet biss tikkonferma li l-kopja tad-digriet kienet wahda awtentika, izda mhux ukoll li kienu ghadhom in vigore, ghaliex hija ma jkollhix involviment f'dawk il-proceduri, u huwa l-Ufficjal Prosekutur biss li jista' jikkonferma li d-digriet tal-helsien mill-arrest ma' giex varjat. Is-sottomissjoni tad-difiza hija li wara li d-digriet gie ezebit mill-Assistent Registratur, l-ispettur Godwin Scerri kellu jerga' jitla' jixhed sabiex jikkonferma li dak id-digriet ma giex varjat, u li l-kundizzjonijiet fuq imposti kienu ghadhom in vigore fil-mument tar-reat.

14. Il-Qorti ma taqbilx ma' din is-sottomissjoni tad-difiza. Huwa d-dmir tar-Registratur li jkun a konoxxenza u jzomm in ordni l-atti ta' kull procedura kriminali pendenti

quddiem kull qorti. Ovvjament persuna fizika wahda ma tistax tagixxi ta' registratur ma' kull gudikant, u ghalhekk il-ligi relevanti tippreskrivi li r-Registratur jista' jaqdi d-doveri tieghu jew personalment jew tramite l-Ufficjali Ezekuttivi tal-Qorti.[1] Ir-Regolamenti relevanti jelenkaw, fost l-Ufficjali Ezekuttivi tal-Qorti, lill-Assistenti Registraturi u d-Deputati Registraturi. Ghaldaqstant, dawn l-Assistenti Registraturi u d-Deputati Registraturi jagixxu in rapprezentanza tar-Registratur.

15. Huwa vera li fil-prattika, kull Qorti ghandha d-deputat registratur taghha li jiehu hsieb l-atti taghha, pero legalment d-deputat registratur qed jezercita l-funzjonijiet tieghu f'isem u ghan-nom tar-Registratur - fi kliem iehor huwa l-*lunga manus* tar-Registratur. L-Assistent Registratur wkoll huwa l-*lunga manus* tar-Registratur, skond il-ligi. Fil-kaz odjern l-Assistent Registratur Stephania Calafato Testa xehdet li l-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest kienu ghadhom in vigore. Ghalkemm huwa vera li s-Sinjura Calafato Testa, bhala Assistent Registratur ma hijiex personalment involuta fil-proceduri pendenti tal-imputat quddiem din il-Qorti diversament preseduta, ghar-ragunijiet gia moghtija hija taqdi l-funzjonijiet taghha ghan-nom u in-rapprezentanza tar-Registratur, li huwa l-persuna legalment responsabbli ghall-atti tal-proceduri kollha quddiem kull Qorti.

16. Ghaldaqstant, meta s-Sinjura Calafato Testa tat id-deposizzjoni taghha u iddikjarat li l-kundizzjonijiet fid-digriet tal-helsien mill-arrest li kien gie ezebit minnha, kienu ghadhom in vigore, id-deposizzjoni taghha torbot lir-Registratur, u konsegwentement tikkostitwixxi prova mahruga mill-awtorita kompetenti skond il-ligi li l-kundizzjonijiet f'dak id-digriet kienu ghadhom in vigore. Ghaldaqstant ma kienx necessarju li l-Ufficjal Prosekutur l-iSpettur Godwin Scerri, jew del resto tad-deputat registratur tal-Qorti li quddiemha qieghdin pendenti dawk il-proceduri, jitilghu jixhdu sabiex jikkonfermaw li l-kundizzjonijiet fid-digriet ezebit kienu ghadhom in vigore, u ma gewx varjati.

17. Jekk id-difiza ma kienetx taqbel ma' din id-dikjarazzjoni tal-Assistent Registratur, ovvjament hija kellha kull dritt u opportunita li tressaq prova kontrarja fl-istadju opportun. Pero id-difiza dan m'ghamlitlux.

---

[1] Ara Artikolu 57(3) tal-Kodici ta' Procedura Civili rez applikabbli ghal dawn il-proceduri bl-Artikolu 369 tal-Kodici Kriminali, u r-Regolament 8 tal-Ligi Sussidjarja 12.21 rez applikabbli ghal dawn il-proceduri bir-Regolament 2 tal-Ligi Sussidjarja 9.09.

18. Mid-digriet tal-helsien mill-arrest ezebit jirrizulta li fost il-kundizzjonijiet imposti, kien hemm il-kundizzjoni li l-imputat ma jikkommettix delitt iehor ta’ natura volontarja, u li jirrapporta l-Ghassa tal-Pulizija tal-Qawra kuljum bejn is-7.00a.m. u 7.00pm.[2]

19. Ladarba din il-Qorti qed issib lill-imptutat hati, fuq ammissjoni tieghu stess, tal-ewwel imputazzjoni ta’ serq ikkwalifikat, isegwi li l-imputat ikkommetta delitt ta’ natura volontarja waqt li kien mehlus mill-arrest, u b’hekk kiser id-digriet tal-helsien mill-arrest.

20. Mill-bail book ezebit jirrizulta wkoll li l-imputat ma iffirmax l-ghassa tal-Pulzija fil-granet tat-2, 3 u 4 t’Awwissu 2024, bi ksur tad-digriet tal-helsien mill-arrest, minghajr ma ta gustifikazzjoni valida.

21. *Ex abbundantia* il-Qorti tirrileva illi waqt l-interrogatorju tieghu mehud fis-6 t’Awwissu 2024, l-imputat ikkonferma li jiffirma l-bail book kuljum fl-ghassa tal-Qawra.[3] Meta l-iSpettur Godwin Scerri staqsieh ghaliex ma kienx iffirma l-ahhar tlett ijiem, l-imputat wiegeb li kien ma jiflahx u li kellu certifikat mediku. Pero dan ic-certifikat mediku mhux anness fil-bail book ezebit mill-Prosekuzzjoni, u lanqas gie ezebit f’dawn il-proceduri mid-difiza.

22. Fid-dawl tas-suespost, il-Qorti hija tal-opinjoni li l-Prosekuzzjoni irnexxielha tipprova sal-grad rikjest fil-kamp kriminali, it-tieni u r-raba’ imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tal-imputat. Konsegwentement, l-imputat qed jigi misjub hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tieghu.

**Konsiderazzjonijiet dwar Piena**

23. Fl-ikkalibrar tal-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni li l-ammissjoni tal-imputat ghall-ewwel u t-tielet imputazzjoni ma tistax titqies bhala ammissjoni bikrija, ghax saret xhur wara li l-Prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha fis-seduta tat-18 ta’ Settembru 2024. Huwa ovvju li l-imputat irregistra ammissjoni ghal dawn iz-zewg

[2] Ara fol. 44 tal-process.
[3] Ara fol. 32 *a tergo*.

imputazzjonijiet biss meta sab dahru mal-hajt bil-provi skjaccanti kontrieh in sostenn ta' dawn iz-zewg imputazzjonijiet. B'hekk huwa xorta hela l-hin u r-rizorsi ta' din il-Qorti u tal-forzi tal-ordni.

24. Il-Qorti hadet in konsiderazzjoni wkoll li l-imputat ghandu fedina penali raffrettarja bi tlettax (13)-il kundanna minn dawn il-Qrati, ghal assortiment ta' reati, pero principalment ghal serq ikkwalifikat, ricettazzjoni u frodi. Huwa inghata diversi opportunitajiet minn dawn il-Qrati permezz ta' ordnijiet ta' probation u sentenzi sospizi, imma ma gharafx juzufruwixxi minnhom, u baqa' jippersisti fit-triq tal-kriminalita.

25. F'dawn il-proceduri irrizulta wkoll li l-imputat ghandu problema ta' tossikodipendenza. Pero il-Qorti ma tistax tghid li hija impressjonata bil-motivazzjoni tieghu li jindirizza din il-problema. Fir-rapport t'andament taghha tal-5 ta' Dicembru 2024, l-Ufficjal tal-Probation qalet li l-imputat wera x-xewqa li jaghmel evening programme mal-Agenzija Caritas. Fir-rapport t'andament tas-17 ta' Jannar 2025, l-Ufficjal tal-Probation qalet li l-imputat ghadu bit-tir li jaghmel programm, biss jixtieq jaghmlu minn jeddu mhux bhala kundizzjoni ta' sentenza.

26. Il-Qorti hadet ukoll in konsiderazzjoni, li mit-trattazzjoni orali irrizulta li l-partijiet kienu waslu fi ftehim informali li f'kaz ta' ammissjoni ghall-ewwel u t-tielet imputazzjoni, il-piena ghal dawk iz-zewg reati ghandha tkun tmintax (18)-il xahar prigunerija effettiva.

27. Il-Qorti tosserva li minkejja li l-Prosekuzzjoni xliet lill-imputat b'zewg imputazzjonijiet ta' ksur tad-digriet tal-helsien mill-arrest, hija naqset li titlob ir-revoka tad-digriet tal-helsien mill-arrest u r-ri-arrest tieghu kif kienet intitolata li taghmel ai termini tal-Artikolu 579(3) tal-Kodici Kriminali. Fl-opinjoni ta' din il-Qorti, minn qari akkurat tal-ligi, meta jittiehdu proceduri ghal ksur tal-bail quddiem il-Qorti li tkun tat il-helsien mill-arrest ai termini tal-Artikolu 579(1), dik il-Qorti hija obbligata li tohrog mandat ta' arrest fil-konfront tal-imputat. Pero, meta l-Pulizija jiehdu proceduri ghal ksur tal-helsien mill-arrest ai termini tal-Artikolu 579(2) tal-Kodici Kriminali, *"il-Pulizija tkun tista', fl-istess proċedimenti, titlob ir-revoka tal-ħelsien mill-arrest u l-arrest mill-ġdid ta' dik il-persuna."* (Artikolu 579(3))

28. Fl-opinjoni ta' din il-Qorti dan ifisser li meta jittiehdu proceduri kriminali ghal ksur ta' bail ai termini tal-Artikolu 579(2) tal-Kodici Kriminali, bhalma hu l-kaz odjern, hija l-Pulizija li ghandha l-fakolta titlob ir-revoka tad-digriet mill-arrest, u r-ri-arrest. Jekk il-Pulizija ma taghmilx dan, il-Qorti ma tistax *ex officio* taqbad u tirrevoka d-digriet tal-helsien mill-arrest, kif hija obbligata li taghmel meta l-proceduri tal-helsien mill-arrest isiru ai termini tal-Artikolu 579(1) tal-Kodici Kriminali.

29. Madanakollu, ai termini tal-Artikolu 579(2) tal-Kodici Kriminali, din il-Qorti hija obbligata f'kaz ta' sejbien ta' htija, li tordna il-konfiska tal-garanzija in toto jew in parte, ghax il-leġiżlatur uża l-kliem *"għandha"* u *"għandu"* u konsegwentement il-konfiska taħt dan is-subartikolu baqgħet tassattiva. Dak li tħalla fid-diskrezzjoni tal-Qorti huwa jekk għandux jiġi konfiskat l-ammont tal-garanzija kollu jew parti minnu, u dan skond il-gravita tar-reat, u ċioe il-gravita tal-ksur li a bażi tiegħu l-imputat ikun instab ħati tar-reat in eżami. Fil-kaz odjern, il-Qorti hija tal-opinjoni li jkun opportun li tikkonfiska biss parti mill-garanzija imposta fid-digriet tal-helsien mill-arrest, liema garanzija tikkonsisti f'elf Euro (€1,000) depozitu u garanzija personali ta' ghoxrin elf Euro (€20,000).

**Konkluzjoni**

30. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:

1. Wara li rat l-Artikoli 261(b)(f), 264(1), 270, 278(2), 579(2), 49, 50, 289 u 579(2) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tieghu.

2. Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, tikkundannah ghal piena ta' sentejn (2) prigunerija li minnha ghandu jitnaqqas kull zmien li l-imputat ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dawn il-proceduri biss.

3. Ai termini tal-Artikolu 579(2) tal-Kodici Kriminali, il-Qorti tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-ammont ta' elf Euro (€1000) depozitu impost fid-digriet tal-ħelsien mill-arrest tal-4 ta' Dicembru 2023 moghti minn din il-Qorti

preseduta mill-Magistrat Dottor Caroline Farrugia Frendo, kif ukoll il-konfiska favur il-Gvern ta’ Malta ta’ ammont iehor ta’ elf Euro (€1000) formanti parti mill-garanzija personali imposta fl-istess digriet. Jekk dan l-ammont ma jithallasx immedjatament, dan l-ammont jigi konvertit f’perjodu ulterjuri ta’ prigunerija skond il-ligi.

4. Ai termini tal-Artikolu 15A tal-Kodici Kriminali, u ai termini tal-Artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, rez applikabbli ghal dawn il-proceduri bl-Artikolu 532A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Qorti tikkundanna lill-hati biex ihallas lil Andre Gouder is-somma ta’ mitejn Euro (€200), rapprezentanti l-valur tal-oggetti misruqa.

   Din l-ordni ghandha tikkostitwixxi titolu ezekuttiv ghall-finijiet u effetti kollha tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili.

5. Inoltre, il-Qorti tordna lill-hati ihallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema spejjez jammontaw ghas-somma ta’ tlett mija u hmistax-il Euro u tnax-il centezmu (€315.12) li ghandhom jithallsu fi zmien xahrejn (2) mil-lum, b’dan li jekk il-hati jonqos li jhallas dan l-ammont jew parti minnu fiz-zmien lilu preskritt, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata stabbilita skond il-ligi.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**